# ID-DAWL

MEJJU 2018 NUMRU 5

## "Is-Sawm huwa preskritt għalikom"



Il-Maħfra | Is-Sawm | L-Omm | X'Inhu l-Iżlam?

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# ĠRANET TAT-TAĦRIĠ

Att partikolari ta' qima fl-Iżlam huwa s-sawm li jsir matul ix-xahar Iżlamiku ta' Ramażan. L-għan prinċipali ta' dan l-eżerċizzju spiritwali, bħall-forom l-oħra kollha ta'qima fl-Iżlam, huwa l-kisba tas-sodisfazzjon ta' Alla għar-regolazzjoni tal-ħajja ta' persuna mal-kmandamenti Tiegħu. Il-Koran Imqaddes jiddikjara:

**"Intom li temmnu, is-sawm huwa preskritt għalikom, bħalma kien ordnat għal dawk ta' qabilkom, ħalli tkunu tistgħu ssiru devoti."** (2:184)

Is-sawm fl-Iżlam jitqies bħala prattika elevata sew. Il-Musulmani fid-dinja kollha huma ordnati li jsumu għal xahar sħiħ kull sena.

Ix-xahar tas-sawm, li huwa xahar lunari, jiġi ħdax-il jum aktar kmieni kull sena, b'hekk idur matul is-sena u f'kull parti tad-dinja jolqot l-istaġuni kollha wieħed wara l-ieħor.

Ramażan huwa x-xahar ta' sagrifiċċju, riformazzjoni u taħriġ spiritwali.

---


**ID-DAWL**

Mejju 2018 – Numru 5 – Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**



**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139

**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadiyya.mt**


---

Jekk tridu tirċievu kopja elettronika fil-futur ta' **ID-DAWL**, iktbulna: **amjmalta@gmail.com**
Jew aqraw **ID-DAWL** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**


Il-Qoxra: LoveDesignShop | shutterstock | (i) An Elementary Study of Islam, pġ. 44-46
(ii) Musnad Aħmad | (iii) Islam – Its Meaning for Modern Man, pġ. 191-192

# IT-TALBIET

“Mulejja, agħtina dak li hu tajjeb (kemm) f’din id-dinja kif ukoll fl-oħra, u ħarisna mit-tbatija tan-Nar.” (Il-Koran Imqaddes, 2:202)

“Mulejja, aħna tabilħaqq nemmnu. Mela aħfrilna dnubietna u ħarisna mill-kastig tan-Nar.” (3:17)

“Sidi (il-Mulej), żidni fl-għarfien u l-edukazzjoni.” (20:115)

“Sidi (il-Mulej), agħtini l-għerf, u qegħedni mal-ġusti. U (agħmel li nkun imfakkar) minn ta’ warajja bi lsien is-sewwa (u jagħtuni ġieħ), u agħmilni fost il-werrieta tal-Ġenna tal-Hena.” (26:84-86)

“Mulej Sidna, agħtina fin-nisa tagħna u f’nisilna hena għall-għajnejn, u agħmilna ta’ eżempju tajjeb għal dawk li huma ġusti.” (25:75)

“Sidna, la teħodhiex magħna jekk ninsew jew nonqsu! Mulej Sidna, la tgħabbiniex b’toqol bħalma għabbejt lil dawk ta’ qabilna. Mulej Sidna, la tgħabbiniex b’dak li ma nifilħux. Neħħielna ħtijietna, aħfrilna u ħenn għalina. Inti l-Mulej tagħna; għenna u oħroġna rebbiħin fuq in-nies li ma jemmnux.” (2:287)

## IR-RISPETT GĦALL-ĠENITURI

**“L-amar tagħna lill-bniedem huwa li juri tjubija mal-ġenituri tiegħu (u ma għandux jinsa li) ommu ġarritu (f’ġufha) bi tbatija, u wellditu bi tbatija; jinġarr (fi ħdan ommu) u jinfatam fi żmien tletin xahar. Imbagħad meta jilħaq l-aqwa tiegħu u jsir ta’ erbgħin sena, huwa jgħid: ‘Sidi, qanqalni biex niżżik ħajr tal-grazzja tiegħek li sawwabt fuqi u fuq il-ġenituri tiegħi, u biex nagħmel il-ġid li jogħġbok. U agħmel li nisli jkun ġust. Jiena tassew niedem quddiemek, u jiena tabilħaqq mill-Ubbidjenti!’”**

(Il-Koran Imqaddes, 46:16)

# L-IMĦABBA LEJN L-OMM

Żmien ilu kien jgħix qaddis kbir li kien raġel tajjeb, famuż u ta' għerf kbir, għaż-żmien tiegħu. In-nies tar-raħal dejjem kienu jiġu għandu biex jitgħallmu u jibbenefikaw mill-għerf u l-għaqal tiegħu.

L-istorja tiegħu kienet impressjonanti ħafna. Kien dejjem iħobb u jgħin ħafna lil ommu, li kienet xiħa, u ma kienet tiflaħ tagħmel xejn id-dar.

Lejla waħda ommu talbitu ftit ilma. Meta ra li ma kienx hemm ilma fid-dar, lanqas naqra, ħa l-bomblu u mar barra biex ifittex l-ilma. Wara nofs siegħa, meta wasal lura d-dar bl-ilma, sab li ommu kienet rieqda. Qal bejnu u bejn ruħu, 'X'se nagħmel issa? Jekk norqod u ommi titlobni l-ilma u jien nibqa' rieqed u ma nqumx biex nagħtiha l-ilma, dak ma jkunx tajjeb għax għandha ħafna għatx.' Ħaseb u ddeċieda li ma jorqodx u joqgħod bilwieqfa ħdejn is-sodda tagħha. Hekk għamel u qagħad wieqaf tul il-lejl kollu bl-ilma ħdejha.

Meta sebaħ u qamet qaltlu: **"Għaliex inti qiegħed bilwieqfa ħdejn is-sodda tiegħi? Għal kemm żmien ilek bilwieqfa hawn?"**

Hu qal l-istorja kollha lil ommu meta riedet l-ilma u ma kienx hemm qatra fid-dar. Qalilha: **"Għalhekk mort barra biex inġiblek l-ilma u meta wasalt lura d-dar sibtek rieqda. Imlejt tazza bl-ilma u qgħadt nistenniek tqum biex nagħtik tixrob. U għalhekk bqajt bilwieqfa l-lejl kollu."**

Meta semgħet l-istorja kollha ferħet tassew bl-għemil tiegħu u bdiet titlob lil Alla, għall-barka Tiegħu, fuqu.

Bit-talba ta' ommu u bl-għajnuna lilha, bil-mod il-mod sar raġel tajjeb u qaddis.

**"IL-ĠENNA TINSAB TAĦT SAQAJN OMMIJIETKOM."**

(Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

# IS-SAWM MATUL IR-RAMAŻAN

"Is-sawm fl-Iżlam jibda kullimkien mal-ewwel dehra tas-sebħ u jintemm ma' nżul ix-xemx. Matul dan il-perjodu wieħed huwa mistenni li jiċċaħħad għalkollox minn kull tip ta' ikel u xorb. Mhuwiex biss il-ġuħ u l-għatx fiżiku li jikkostitwixxi s-sawm Musulman, iżda l-iljieli ta' qabel il-bidu tas-sawm jieħdu xejra ħafna aktar importanti u jifformaw parti ċentrali minn din il-prattika tas-sawm. Il-Musulmani jqumu sigħat qabel tlugħ ix-xemx għat-talb individwali u t-tfakkir f'Alla. Anki l-Koran Imqaddes jiġi kkwotat f'kull dar Musulmana ħafna aktar mill-ġranet ordinarji. B'hekk parti sostanzjali mil-lejl ikun magħmul minn eżerċizzi spiritwali li jiffurmaw l-essenza proprja tas-sawm.

**Matul il-ġurnata, barra li jastjenu mill-ikel u x-xorb, il-Musulmani kollha huma mwissija b'mod partikolari biex joqogħdu 'l bogħod minn diskors fieragħ, tilwim u ġlied, jew minn kull attività li tista' tbaxxi d-dinjità ta' fidil ġenwin.** L-ebda sodisfazzjon mill-pjaċiri tal-ġisem mhu permess; saħansitra r-raġel u l-mara matul il-jum jaġixxu b'mod separat, ħlief għar-relazzjoni formali li hija komuni għal kulħadd.

Fl-Iżlam, il-karità u l-attenzjoni għall-fqar tant jingħataw importanza li jsiru parti mill-ħajja ta' kuljum tal-Musulmani. Madankollu, meta jasal ir-Ramażan, ix-xahar tas-sawm, il-Musulmani huma mitluba biex jirduppjaw [ikomplu jżidu] l-isforzi tagħhom f'dan il-qasam...

Il-prattika tas-sawm hija importanti ħafna għaliex iġġiegħel lill-fidil jimmatura fi kważi kull aspett tal-ħajja spiritwali tiegħu. **Fost affarijiet oħra, huwa jitgħallem mill-esperjenza personali xi jfissru l-ġuħ, il-faqar, is-solitudni u l-iskumditajiet għall-fazzjonijiet l-inqas fortunati tas-soċjetà.** L-astenzjoni minn dawn il-prattiki matul ix-xahar ta' Ramażan li huma permessi fil-ħajja ta' kuljum tilgħab parti kostruttiva fl-irfinar tal-karattru uman." (i)

# X'INHU L-IŻLAM?

Ir-reliġjon Iżlamika twaqqfet taħt direzzjoni divina mill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] (570-632 wK) f'Mekka, l-Arabja Sawdita. Il-kelma "Iżlam" tfisser paċi, kif ukoll li tikkonforma għar-Rieda ta' Alla. B'hekk, tfisser "tikseb il-paċi permezz tas-sottomissjoni għar-Rieda ta' Alla". **Il-kelma Għarbija għal Alla hija "Allah".**

L-għan ewlieni tal-Iżlam huwa li jistabbilixxi s-sliem – kemm dak intern għall-individwu, kif ukoll fuq livell ta' soċjetà għall-umanità kollha. Billi jqiegħed lilu nnifsu għar-Rieda u l-Għerf ta' Alla, u jħalli li d-destin jiġi magħġun Minnu, l-individwu jista' jasal biex ikollu paċi interna ġenwina.

L-għamla ta' tislija użata mill-Musulmani fil-ħajja tagħhom ta' kuljum hija ***Assalam-o-alajkum wa Raħmatullah wa Barakato ħu* li tfisser "Jalla s-sliem, il-ħniena, u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqkom".** Din it-tislija soċjali hija wkoll talba.

**Il-kitba qaddisa tal-Iżlam hija l-Koran Imqaddes, li ġie rrivelat lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] tul il-medda ta' 22 sena.** Huwa meqjum mill-Musulmani għax huwa l-Kelma sħiħa u perfetta ta' Alla, u huwa s-sors primarju tax-*Xariah* (il-Liġi Iżlamika).

**L-Iżlam iħares ukoll lejn ir-reliġjonijiet l-oħra b'rispett u jqishom li tnisslu kollha minn Alla.** Fil-fatt, prinċipju fundamentali fl-Iżlam huwa li kull Musulman għandu jemmen bis-sinċerità kollha fil-profeti u l-messaġġiera kollha ta' Alla, fosthom Ġesù[as], Mosè[as], Abraham[as] u Krixna[as], kif ukoll fl-iskritturi rispettivi kollha tagħhom.

Il-fidi ta' wieħed Musulman ma titqiesx sħiħa jekk dan ma jemminx fil-messaġġ oriġinali ta' kull Profeta ta' Alla; għaldaqstant kull Musulman irid jirrispetta l-fundaturi tar-reliġjonijiet kollha.

---

**as** - *alaiħis-salam, li tfisser 'Jalla l-paċi tkun fuqu'.*

## Il-Ħames Pilastri tal-Iżlam

Il-qima fl-Iżlam għandha ħames karatteristiċi li huma magħrufa bħala l-ħames kolonni tal-Iżlam. Huma dawn li ġejjin:

**Id-dikjarazzjoni tal-fidi:** 'M'hemm ħadd denju tal-qima ħlief Alla u Muħammad huwa l-Messaġġier ta' Alla'.

**Salat (Talb):** Li jsiru ħames Talbiet kuljum fil-ħin stipulat tagħhom.

**Żakat (Karità):** Li jingħata ċertu persentaġġ mill-qligħ ta' dak li jkun għall-benefiċċju tal-fqar u għal xi kawżi nobbli oħra.

**Is-Sawm:** Is-sawm fix-xahar tar-Ramażan

**Il-Ħaġġ:** il-pellegrinaġġ għall-Kaaba fl-Arabja Sawdita almenu darba fil-ħajja ta' bniedem, dejjem jekk ikun fiżikament u finanzjarjament possibbli u jekk il-vjaġġ ma joffri l-ebda periklu.

### IL-MAĦFRA

Mugħaż bin Anas[ra] jirrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

**"L-akbar virtù hija li titħabbeb ma' min qata' r-relazzjoni miegħek, u li tagħti lil min ma riedx jagħtik, u taħfer lil min għajrek."[(ii)]**

Abu Ħurajra[ra] jirrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

**"Il-karità ma tnaqqasx il-flus. Alla jagħti ġieħ lil dak li jaħfer id-deni li jsir miegħu, u ma jitkabbarx ma' min jagħmillu ħsara."[(ii)]**

## KLIEM L-GĦERF

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal:

- "Ħallsu l-pagi tal-ħaddiem qabel ma jinxef l-għaraq tiegħu."
- "Fittxuni qalb id-dgħajfin tagħkom. Tabilħaqq li intom issibu l-għajxien u l-għajnuna tagħkom fid-dgħajfin tagħkom."
- "Meta wieħed iħeġġeġ lill-oħrajn biex iwettqu l-ġid wieħed jakkwista l-premju daqs dak li jkun għamel il-ġid."

---

## MIN GĦANDU JSUM?

"Is-sawm huwa obbligatorju għal kull adult, b'ċerti eċċezzjonijiet. Persuna marida, xi ħadd li qed jivvjaġġa, mara tqila jew li qed tredda', persuna anzjana, xi ħadd li jsib l-esperjenza tas-sawm iebsa ħafna minħabba l-età jew xi diffikultà oħra, dawn kollha huma eżentati.

**Meta r-raġuni għall-eżenzjoni hija biss temporanja,** bħal pereżempju xi marda li l-persuna tkun se tirkupra minnha, in-numru tal-ġranet tas-sawm li jkunu ntilfu jridu jsiru xorta waħda basta matul il-ħdax-il xahar li jmiss. **Jekk il-kawża tal-eżenzjoni ttul għal ħafna żmien jew issir permanenti,** bħal fil-każ tax-xjuħija jew xi marda kronika, l-eżenzjoni ssir assoluta; iżda l-persuna konċernata, jekk tkun taffordja, trid tagħmel arranġamenti biex tipprovdi l-ikel għal xi ħadd fqir matul ix-xahar tar-Ramażan (2:185)." [iii]

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published
by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**